**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 752 / 2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Oriana Spiteri)**

**Vs.**

**Carmela Magro**

Illum 29 ta' Settembru 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Carmela Magro ta' 50 sena, bint Carmelo u Carmen nee' Camilleri, imwielda nhar il' 25 ta' Novembru 1969 gewwa l-Pieta, residenti gewwa Riviera Del Sol Blk C, Flat 1, Triq il-Qaliet Marsaskala u detentici tal-karta ta l' identita bin-numru 490169 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Fix-xhar ta' Settembru 2019 u fix-xhur ta' qabel gewwa Marsaskala, b' diversi atti maghmulin minnha, ukoll jew fi zminijiet differenti, li jiksur l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda u dan bi ksur ta Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

1. Ikkomettiet serq min gewwa l-istabbiliment bl' isem La Piscina Restaurant li jinsab Triq iz-Zonqor Marsascala u liema serq huwa aggravat bil-persuna

kif ukoll bil-valur, liema valur tal-haga misruqa ma teccediex l-ammont ta' €2,329.27 u dan ghad-dannu ta' Maria Cassar u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi ikkomettiet serq minn gewwa Zonqor End View Blk B, Triq Ghar ix-Xama Marsascala liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-lok kif ukoll bil-valur, liema valur tal-haga misruqa tecedi l-ammont ta' €2,329.27 u dan ghad- dannu ta' David Bonnici u/ jew persuni ohra;

3. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi ikkomettiet serq min gewwa Flat 1, Cascade Terrace, Triq id-Dolmen Marsascala liema serq hu aggravat bil-persuna, bil-lok kif ukoll bil-valur tal-haga misruqa li ma taccediex l-ammont ta' €2,329.27 u dan ghad-dannu ta' Maria Cassar;

4. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi irrendejt ruhhek recidiv ai termini

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandom x' jaqsmu mal-hatra ta l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F' kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba titratta lil Carmela Magro bhala persuna recidiva meta giet s-sentenzjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistax jigu mibdulha u dan bi ksur tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar is-6 ta' Lulju, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali u cioe l-artikoli:

1. Fl-artikoli 261 (c), 261 (d), 267, 268 (a), 268 (c), 268 (d), 279 (a), 280 (1), 284 u 285 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 261 (c), 261 (d), 261 (e), 267, 268 (a), 268 (c), 268 (d), 269 (g), 279 (b), 280 (1), 281 (a), 284 u 285 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 261 (c), 261 (d), 261 (e), 267, 268 (a), 268 (c), 268 (d), 269 (g), 279 (a), 280 (1), 281 (a), 284 u 285 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Fl-artikoli 17, 31, 532 A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Sabet lil Carmela Magro **hatja** ta' l-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet dedotti kontriha u kkundannatu piena ta' **prigunerija ta' sentejn (2) habs** li b' applikazzjoni tal-artikolu 28 A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghal zmien erba' (4) mil-lum filwaqt li giet illiberata mill-adebitu tar-recediva.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28 A (4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hatja bi kliem car ir-responsabbilita' taghha taht l-Artikolu 28 B tal-Kodici Kriminali jekk

hi tikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 15 A, 28 H u 532 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b' zieda mal-piena, ordnat lill-hatja tirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga minnha misruqa immedjatament u fin-nuqqas li tirrestitwixxi kollox, thallas lill konjugi David u Patricia Bonnici l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf Euro (€21,000) ghas-serq ta' flus u gojellerija u lil Maria Cassar l-ammont ta' elfejn u tlett mitt Euro (€2,300) rapprezentanti l-flus u hwejjeg misruqa. Illi dan l-ammont ghandu jithallas fiz-zmien sitt xhur.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-hatja Carmela Magro thallas lir-Registratur l-ispejjez tal-esperti mahtura, fis-somma komplessiva ta' elf, mija u seba' u ghoxrin Euro u hames centezmi (**€1,127.05**) u cioe' l-ispejjez hawn taht elenkati:

1. Relazzjoni ta' Dr. Katya Vassallo €127.16[1],
2. Relazzjoni ta' Dr. Stephen Farrugia Saccro LL.D ta' €518.79[2];
3. Relazzjoni ta' Joseph Mallia ta' €481.10[3];

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur tal-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

[1] Folio 161 ta' l-atti processwali
[2] Folio 170 ta' l-atti processwali
[3] Folio 301 ta' l-atti processwali

Rat ir-rikors tal-appellanti Carmela Magro minnha pprezentat fit-22 ta' Lulju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex **tirriforma** s-sentenza appellata u dan billi **thassar u tirrevoka** dik il-parti fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-akkużi miġjuba fil-konfront tagħha u konsegwentement tillibera minn kull ħtija u piena; jew alternattivament **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll tapplika l-artikolu 532A hekk kif mitlub mil-liġi.

A. **Rat l-Aggravji huma ċari u manifestati u jikkonsistu fis-segwenti:**

1. Illi, l-Appellant ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati, u għaldaqstant qiegħed jintavola dan l-umli l-Appell għal kunsiderazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ;

2. Illi l-appell odjern jirrigwarda l-ħtija imposta mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fis-sentenza mgħotija nhar 6 ta' Lulju 2022;

**Apprezzament żbaljat tal-Provi prodotti u applikazzjoni errata tal-liġi**

3. Illi l-Onor. Qorti tal-Maġistrati sejset is-sejbien tal-ħtija fuq diversi l-evidenza tas-CCTV u x-xhieda viva voce;

4. Illi umilment qiegħed jiġi sottomess li jekk wieħed jara s-CCTV rigwardanti il-Piscina Restaurant, faċilment tinduna li għalkemm il-ġest tal-appellanti jista' jiġi interpretat bħala wieħed kriminuż, pero' huwa biss magħdud max-xhieda viva voce, li l-Qorti tista' remotament tasal li tgħid li dik l-azzjoni hija di fatti kriminuża;

5. Illi dan qiegħed jingħad minħabba li fatt li mis-CCTV ma huwiex possibbli li tinduna, jekk effettivament insterqux flus jew kemm insterqu flus kontanti, u huwa biss mix-xhieda viva voce li qatt tista' tasal li tgħid kemm, pero' l-appellanti tistaqsi jekk dan hux biżżejjed sabiex tkun sodisfatta l-liġi;

6. Illi fl-atti proċesswalli ma inġibed l-ebda prova, sal-livell rikjest mil-liġi min fejn ġew l-elfejn ewro (€2,000) rigwardanti l-Piscina Resturant u iktar u iktar id-dsatax-il elf ewro (€19,000) li suppost kienu qegħdin moħbija fl-appartament tal-parte civile;

7. Illi gratia argomenti li dawn il-flejjes, cioe' id-dsatax-il elf ewro (€19,000) kienu jeżistu, l-parte civile l-ewwel suspett li qanqal kien fuq il-mara tiegħu stess, hekk kif jirriżulta mix-xhieda tiegħu;

8. Illi magħmula dawn il-kontestazzjonijiet, l-appellanti temmen li x-xhieda tal-parte civile David Bonnici għandha titqies bħala waħda ċirkostanzjali, li ma tgħidx verita' waħda, *kwindi* ma għandiex jkollha livell probatorju utli għal sejbien ta' ħtija;

9. Illi rigward l-oġġetti kollha l-oħra misruqa, ma inġabet l-ebda prova tal-valur tagħhom, l-prosekuzzjoni l-anqas biss talbet espert biex tal-inqas fuq deskrizzjoni tal-parte civile, jkun jista' jikkwantifika b' mod approssimattiv il-valur ta' tali oġġetti. Nieqes dan il-fatt inħolqot finzjoni legali fejn il-kwalifika tal-valur ma tistax tkun sostenibbli;

10. Illi mingħajr preġudizzju għal dak li intqal qabel, se mai, jekk l-appellanti tinstab ħatja ta' serq, dan għandu jkun mingħajr il-kwalifika tal-valur

*stante'* li fl-ebda ċirkostanza ma ġie pruvat sal-livell ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni;

11. Illi mil-atti proċesswali deher ukoll li qabel il-każ odjern, l-parte civile Maria Cassar kienet ġiet derubata, u dakinhar ma kienx sar elenku, liema serqa kienet seħħet biss ftit ġimgħat qabel il-każ odjern, *kwindi* hemm dubju serju min effettivament seraq l-oġġetti elenkati fil-każ de quo;

12. Illi hekk kif ġie pruvat l-appellanti rari kienet tkun waħedha fid-djar mertu tal-każ, fejn il-maġġor parti ta' drabi kienet dejjem tkun akkumpanjata;

13. Illi anke mit-tfixxija li saret mil-Pulizija, l-ebda oġġett jew flus ma nstabu fil-pussess tal-appellanti;

14. Illi kif ukoll wieħed jrid jarbel min fejn ittieħdu l-impronti diġitali, li tali jsaħħu it-teżi tal-appellanti li hija qatt ma fetħet l-ebda kexxu fejn effettivament kienu misruqa l-oġġetti u/jew flus;

15. Illi finalment l-appellanti temmen fuq dak indikat *supra*, u kwalunkwe aggravju ieħor li jista' jkun imqajjem durante' t-trattazzjoni ta' dan l-appell, li l-evidenza prodotta, ma tissodisfax il-vot rikjest mil-liġi sabiex jkun hemm konvinċiment morali ta' ħtija;

B. **Ħlas ta' Danni u/jew restituzzjoni tal-oġġetti**

16. Illi l-Onor. Qorti tal-Maġistrati għamlet ordni wkoll ta' restituzzjoni tar-res furtiva, jew l-ekwivalenti fi flus, u cioe' fl-ammont ta' €21,000;

17. Illi tali ordni sar taħt id-dettami tal-artikoli 15A, 28H u 532A tal-Kodiċi Kriminali;

18. Illi jibda biex jingħad li għalkemm l-kontenut tal-artikoli 15H u 28H huma simili, fejn si tratta l-obbligazzjoni tar-restituzzjoni, pero' mhux l-istess fil-perjodi tal-ħlas, u l-konsegwenzi fejn ma jkunx hemm ħlas;

19. Illi apparti dan l-artikolu 532A huwa totalment differenti min dawk ċitati qabel;

20. Illi effettivament l-Onor. Qorti tal-Maġistrati għamlet ordni ta' restituzzjoni, kif ukoll l-alternnativ, ordni ta' ħlas, pero' naqset milli tagħti direzzjoni (jew aħjar ordni ċar) ta' kif ser jitħallas l-ammont. Dan qiegħed jingħad minħabba l-fatt li l-Onor. Qorti inċitat l-artikoli 15A, 28H u 532A, *kwindi* jidher li ma kienx hemm għażla partikolari;

21. Illi tenut kont li hawn qegħdin fil-kamp penali, *in dubio pro reo* għallura għandu jiġi applikat dak l-aktar vantaġġuż lejn l-appellanti, *kwindi* jrid jiġi applikat l-artikolu 532A, ġialadarba din kienet l-intenzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati, dejjem riformat sabiex jissodisfa d-dettami tal-liġi;

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2022.

**Ikkunsidrat,**

Jinghad li fl-ewwel aggravju taghha l-appellanti tilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti. Issa hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-

Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

**Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi** deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
**Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace** deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
**Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul** deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
**Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech** deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
**Il-Pulizija v. Carmelo Schembri** deciza fit-28 ta' April, 1995;
**Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed** deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
**Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef** fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex jghaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

L-ispettur **Eman Hayman** xehed nhar is 6 ta' Frar 2020[4] u spjega li huwa kellu zewg rapporti. Kien infurmat li f'zewg residenzi differenti b'sidien differenti kienu nstabu xi oggetti neqsin u kellhom suspett fl-imputata innifisha peress li kienu irraportaw illi kien sar xi serq mir-restaurant taghhom.

[4] Fol.42 tal-atti

L-ewwel rapport kien jikkoncerna il-fond flat 1 ascade trrace, Triq il-Dolmen, M'Scala u t-tieni rapport sar dwar il-fond Block B. Ghajn ix-Xemgha, M'Scala. Is-suspett kien waqa fuq l-appellanti peress li gieli kienet dahlet f'dawn il-fondi sabiex taghml xi xoghol ta' tindif. Fost l-affarijiet li nsterqu, kien hemm xi fwejjah u xi deheb. Fuq din l-informazzjoni kien ghamel kuntatt mal-membri tas-SOCO sabiex jghamlu tfittxija ghall-impronti digitali u dan f'partijiet tad-dar fejn suppost l-appellanti ma kienitx tidhol. Saret tfittxija ghal dawn l-impronti biss f'dawk l-akwati fejn l-appellanti ma kellhiex access. Mistoqsi jekk hu qatt acceda f'dawn iz-zewg fondi wiegeb fin-negattiv.

**David Bonnici** xehed nhar is-6 ta' Frar 2020 u qal li jghix f'Zonqor point mal-mara u ibnu ta' sena u tmien xhur. Huwa jahdem bhala self employed u jghamlu xi events fil-pixxina ta' M'Scala. Huma hemmhekk jiehdu hsieb il-kiosk. Normalment fih ikun hemm ohtu z-zghira Maria Bonnici. Huwa kkonferma li l-appellanti gieli marret tghinu kemm id-dar kif ukoll fil-kiosk u dan fis-sajf tas-sena 2019. Qal li kienu ghenu lill-appellanti kemm setghu anke meta giet biex tixtri karozza. Ikkonferma li fis-26 ta' Settembru 2019 huwa kien ghadda s-somma ta' elfejn ewro lil ohtu biex thallas lil tal-Melita u meta marret biex thallas ccemplitlu ohtu Maria u qaltlu li ma sabitx il-flus. Dan qallha li kien cert li taha l-flus u qallha biex tieqaf hemm. Kienu biss erbgha minn nies u ghalhekk talab li jigu tal-CCTV Cameras u cioe tal-Global Safety u dawn gew fuq il-post u qaghdu jiccekkjaw il-filmati. Fil-presenza ta' dan tal-Global Security kien hemm ukoll il-pulizija. Mill-filmati raw lill-appellanti tiehu zewg portmonijiet.

Wara qabdu lill-istess dirigenti sabiex jiccekkjaw il-cameras ta' tletin (30) jum. Irrizulta li f'dan il-perijodu serqithom bejn erbgha u sitt darbiet. Kull darba hadet madwar tlett mitt euro (€300). Qal li f'dan il-perijodu kienu fdawha toqghod mal-cash. Huwa esebixxa hard disk.

Apparti pero dan ir-rapport ta' Wied il-Ghajn huwa ghamel rapport iehor u cioe dwar id-dar u sabu li kien hemm xi deheb misruq. Mistoqsi minn fejn inxtara dan id-deheb li nsteraq jghid li mill-Ghana u mistoqsi jekk kellux xi ricevuti jghid li ma kellux. Id-deheb, martu kienet izommu go qalb u l-qalb instabet nieqsa ukoll.

Qal li kellu ukoll is-somma ta' dsatax-il elf taht is-sufan li ukoll gew mehuda.

Dakinhar tas-26 ta' Settembru cemplilha u qallha li kien sorpiz li serqitu u staqsiha jekk hasbet li ma kienx ser jaqbadha. Qaltlu li ma kienx minnu li kienet ser tmur tkelmu izda ma marrritx. Qal li suppost meta kienet tmur ghandhom l-appellanti id-dar kien ikun hemm it-tifla ta' ohtu pero sar jaf li kienet tghidilha biex tnaddaf il-bitha waqt li hija taghmel gewwa. Kienet tmur it-tifla ta' ohtu li ghandha 14 -il sena u kienet tiftah il-bieb hi u wara thalli c-cwievet mal-gabbana ghaliex huma jghixu proprju mal-gabbana.

**Maria Cassar** xehdet nhar is-6 ta' Frar 2020[5]u kkonfermat li tigi oht David Bonnici u tahdem f'gabbana Wied il-Ghajn. Qalet li hija kient fdat lill-appellanti d-dar taghha u cioe fil-fond Cacade, Cacade Terrace, Triq id-Dolmen M'Scala u dan wara xi xahar li kienet bdiet tahdem il-gabbana. Ikkonfermat li kienet tnaddaf ghandha ghand huha u fil-gabbana. Tiftakar li fis-26 ta' Settembru, 2020 huha taha flus u cioe l-ammont ta' elfejn euro filghodu biex tmur thallas is-salesman kollha ghaliex kienu ser jghalqu l-gabbana peress li kien spicca s-sajf. Il-flus tahomlha cash. Poggiet il-flus fil-portmoni taghha sakemm qaghdu inaddfu biex meta imorru l-agenti tkun f'posizzjoni li thallashom. Dak il-hin halliet il-portmoni hdejn il-cash ghaliex kienu maghluqa kienu qed inaddfu. Maghhom dak il-hin apparti Carmen l-appellanti kien hemm iehor li jismu Nigel, il-kok. Tghid li la l-appellanti u lanqa Nigel ma kienux jafu bil-flus. Wara ftit marret biex

[5] Fo. 60 tal-atti

thallas lil tal-Melita u ma sabitx il-flus fil-portmoni. Huha taha l-flus fis-7.00a.m u hija marret thallas ghal habta tas-2.00pm u sa dak il-hin ma kienitx qalet lil hadd. Huma kienu t-tlieta li huma telghin u nizlin innadfu l-gabbana u l-istore ta' fuqu. Dak il-hin bdiet tippanikja pero ftakret li fil-pixxina hemm il-Cameras u ghalhekk cemplet lil David u dan mill-ewwel cempel lil tal-Cameras u bdew jaraw mill-bidu x'beda jigri. Imbaghad rat li haditilha zewg portmonijiet. L-ewwel hadet wiehed minnhom u dahlet fil-kcina u rat li ma kien fih xejn u regghet harget u qabdet l-iehor harget barra u gibdet il-flus li kellu u cioe is-somma ta' €2000 li kien taha huha filghodu.

Qalet li d-dar kienu ukoll serquha xi xahar qabel u kienet anke ghamlet rapport ghand il-pulizija. Kienu serqulha hwejjeg tat-tfal. Kien hemm xi ghaxar bicciet b'kollox ta' bintha. Qalet li kienet ghadha kif tixtrihomlha u nefqet bejn €250 u €300. Kienet xtrathom minghand it-Tally Weil ta' Rahal Gdid u dan b'cash ghaliex kienet tircievi l-paga cash. Mistoqsija jekk kellhiex ricevuta tghid li ma kellhiex. Tiddiskrivi dawn il-hwejjeg bhala hwejjeg li tohrog bihom uhud minnhom tal-Adidas.

Spjegat ukoll li l-appellanti kienet tmur tnaddaf id-dar taghha u dan billi kienet tmur tigbor ic-cwievet mill-pixxina u tibghatha id-dar wahedha ghaliex kienet tafdaha hafna. Kienet tmur darba fil-gimgha izda dik il-gimgha kienet tmur kuljum biex taqla kull m'hemm qabel ma terga tidhol fid-dar. Hija kienet tkun wahedha daqqa mit-tmienja sas-saghtejn u gieli mill-ghaxra sat- tlieta.

**Patricia Bonnici** xehdet fl-istess jum tas-6 ta' Frar 2020 u kkonfermat li tigi il-mara ta' David Bonnici. Tiftakar li nhar is-26 ta' Settembru 2019 kienet fil-kumpanija ma oht ir-ragel taghha Maria Cassar u kienu marru Rahal Gdid biex ihalsu xi kontijiet ghand tal-Melita. Fil-hin rat li Maria kienet imhasba u staqsietha x'kien gara u din qaltilha li ma sabitx il-flus li kien taha David. Qaltilha

biex iccempel lil David ghax kienet taf il-flus gew moghtija lilha quddiem il-kok Nigel u quddiem l-akkuzata. Hekk ghamlet u David qal li kien ser jara l-filmati tal-CCTV. Wara ftit qallhom li kien sab lill-akkuzata tbaghbas fil-portmoni ta' martu u ghalhekk kellha tmur id-dar biex tara jekk kienx hemm xi haga nieqsa minn darha. Ikkonfermat li l-akkuzata kienet tmur tnaddaf ghandha ukoll. Kienet marret fi tlett okkazjonijiet. F-ewwel okkazzjoni hija kienet id-dar, fit-tieni okkazzjoni kien hemm Jeziah it-tifla ta' oht David u fit-tielet okkazzjoni ukoll kien hemm Jeziah. L-ghada marret tara l-kxaxen taghha u sabet li kellha xi flixken tal-fwejjah nieqsin fosthom wiehed li jismu Channel u iehor li jismu Coco Channel. Tghid ukoll li l-kaxxa forma ta' qalb li kellha ukoll nstabet nieqsa u f'din il-kaxxa zammet xi gojjelli taghha. Tghid li din ukoll ma kienitix hemm u fost l-affarijiet li kien hemm fil-kaxxa kien hemm katina tad-deheb 18-il karat b'qalb u katina ohra tad-deheb b'kurcifiss Tork li nsterqu. Dawn kienu jiswew xi €500- il wiehed. Tghid li kienet izzomm il-kaxxa tal-qalb fil-kamra tas-sodda taghha hdejn is-sodda fuq xkaffa. Taf li meta n-neputija kienet tkun maghha d-dar din kienet tghidilha biex tmur tnaddaf il-bitha jew il-washroom ghalkemm ma kienx xoghlha u dan sabiex ma tkunx taf x'qed taghmel l-akkuzata. Mistoqsija jekk serqitx xi haga ohra tghid iva flus ta' zewgha li kellu fir-reclining sofa. Mistoqsija kemm kien l-ammont tghid li ma tafx.

**Jeziah Cassar** xehdet nhar il-25 ta' Frar 2020 u tghid li kient marret l-ghassa ma ommha biex taghmel rapport dwar l-akkuzata ghaliex kienet haditilha l-flus mill-portmoni. Mistoqsija jekk tafx lill-akkuzata tghid li tafha bhala Maria Cassar u taf li kienet tnaddaf ghandhom u ghand iz-ziju David Bonnici. Hija tghix fil-fond Flat 1, Cascade Terrace, Triq id-Dolmen M'Scala.

Qalet li hija rat il-filmati ta' CCTV u rat lill-akkuzata tiehu l-portmoni ta' ommha imbghad hadet iehor. Wara ftit saret taf li ommha qalet li ma sabitx il-flus li kellha fil-portmoni. Tghid li lill-akkuzata saret tafha fis-sajf meta bdiet tahdem

maghhom fil-gabbana. Ghall-ewwel kienet cleaner il-gabbana tahsel l-art u l-platti u wara ftit zmien haduha d-dar tnaddaf ghandhom u ghand iz-ziju ukoll li jghix M'Scala vicin il-gabbana. Kienet tmur il-Gabbana tnaddaf kuljum u fid-dar taghhom qisu darba kull hmistax u darba ohra kull hmistax ghand iz-ziju. Qalet li kien hemm tlett okkazzjonijiet meta kienet prezenti ghand zijuha meta l-akkuzata kienet qeghda tnaddaf . Din kienet tghidilha biex tghinha biex ihaffu. Kienet tghidilha biex tnaddaf il-bitha jew il-kamra tal-banju waqt li zijuha kien jghidilha biex toqghod fuq is-sufan tosserva. Kienet iddum xi kwarta jew ghoxrin minuta tahsel il-bitha. Il-flat taz-ziju ghandu tlett kmamar tas-sodda, banju ensuite u iehor u bitha. Tghid li z-ziju taghha kien jaghti c-cavetta lilha fil-gabbana u hija kienet tmur maghha, ghalkemm kienet tiftah hi. Imbaghad jitilqu flimkien lura lejn il-gabbana u terga taghti c-cavetta liz-ziju. Taf li Maria kienet tiehu maghha baskett kbir u fihom kienet igorr l-affarijiet tat-tindif. Tghid li apparti Maria Cassar qatt ma kellhom cleaners ohra fid-dar kienet tnaddaf jew ommha jew zitha Patricia. Kienet tarhom hi stess inadfu. Tikkonferma li meta marret ma l-akkuzata biex tnaddaf dan kien Awwissu 2019. In kontro-ezami tghid li l-baskett Maria kienet iggibu maghha mid-dar.

Mistoqsija kif kienet tmur maghha tghid li tajjeb hafna kienet qisha wahda minn tal-familja.

**PS 853 Evan Grech** xehed nhar it-22 ta' Gunju 2020 u spjega li fis-26 ta' Settembru 2019 ghall-habta tas-6.00 p.m kien qieghed xoghol Bormla u kien qed ikopri Wied il-Ghajn u gie infurmat minn David Bonnici li hu sid ir-restaurant li jisimha il-pixxina gewwa Wied il-Ghajn u ohtu Maria Cassar fejn qalulu li kienu gew misruqa minn wahda haddiema taghhom u kellhom il-filmat ta' dan f'idejhom. Huwa mar fl-istabbiliment u qalulu li kien hemm haddiema Carmela Magro u haddiem iehor Nigel. Maria qaltlu li halliet il-baskett fuq il-kaxxa tal-birra li kien hemm vicin il-bar u kif dahlet fil-kcina harget Carmela ghall-habta tal- 9.45 a.m

u hadet il-portmoni kannella tad-ditta Pierre Cardin illi kellha fil-baskett fuq l-istess kaxxa tal-birra u harget mill-bieb il-barra. Minn dan il-baskett hadet is-somma ta' elfejn euro li kienu parti mill-cash tal-hanut u wara dahlet gewwa fejn tefghet il-portmoni vojt lura fil-baskett ta' Marija. Wara Carmela dehret tmur bil-flus dehret mill-Camera tmur bil-flus f'idejha gol-karozza Toyota Coroalla hadra bin-numru ta' registrazzjoni RYN 485 minn go fiha harget baskett tad-detergents dak il-hin u regghet dahlet gewwa.

Huma elevaw kopja tal-filmat fuq pendrive u ghaddewh lill-Ispettur Oriana Spiteri u minn hemm baqghu sejrin fir-residenza ta' Carmela fejn infurmawha bir-ragun tal-arrest u bir-ragun tat-tfittxija li kienu ser jghamlu ghandha. Dak il-hin jghid li bdiet tecita ruha hafna u tghid li ma kienet serqet xejn. Mit-tfittxija li ghamlu kemm fid-dar taghha u fil-karozza ma sabu xejn. Wara marru l-ghassa u l-akkuzata tkelmet mal-avukat taghha Dr. Marion Camilleri u spjegatlu li dakinhar flimkien ma Maria kienet haslet il-hanut u staqsietha ghat-detergents. Hadet ic-cwievet tal-karozza u dahlet lura bil-baskett tad-detergents biex tnaddaf. Hi qalet li ma serqet xejn u li meta kienet tielgha rat lil Maria taghti flus lil Nigel.

Rega kellem lil Marija u dan kien ghall-habta ta' nofsinhar meta Marija tat mitejn euro lil Nigel li kellha go plastic folder isfar. Apparti dawn il-mitejn euro f'dan il-folder kien hemm il-portmoni bit-tlett elef euro go fih li minnhom hadet l-elfejn euro u halliet l-elf euro biex speci ma jkunx hemm suspetti li xi hadd hadilha l-flus.

Kellem ukoll lil Nigel Zammit u dan qallu li ghal habta ta' nofsinhar neqsin kwart Marija halsitu l-paga ta' mitejn euro u din hadithom minn folder isfar tal-plastic. Qal li Carmela ma setghetx tara lil Marija thalsu ghax kienet gol-kcina u kienet 'l boghod u b'hekk ma setghetx tarhom. Huwa gharaf lill-akkuzata bhala l-persuna

li kellem bl-isem ta' Carmela. Huwa pprezenta l-okkorrenza li gie markat bhala dok EG1[6]. Mistoqsi in kontro-ezami kemm dam biex ra l-filmati wara li sar ir-rapport jghid li dam qisu xi nofs siegha, tlett kwarti.

**WPS 210 Tania Mangion** xehdet nhar it-22 ta' Gunju 2020 u esebiet zewg kopji ta' rapporti[7] rigward zewg serqiet fejn is-suspett ewlieni kienet Carmela Magro. Hija marret fuq il-post ghamlet l-istharrig taghha u wara hejjet ir-rapport u infurmat lill-ispettur tal-ghassa b'dawn ir-rapporti. Qalet li kien hemm ukoll rapport iehor dwar serq li sar fil-pixxina restaurant u s-suspett ukoll kien waqa fuq Carmela Magro. Dawn ir-rapporti saru minghand David Bonnici u Marija Cassar nhar it-28 ta' Settembru 2019. Tghid li l-ispettur kien qalilha biex tibghat lil tas-SOCO fuq il-post biex jiehdu l-marki tas-swaba. Wiehed mir-residenzi huwa Flat 1, Cassar Terrace, Triq id-Dolmen M'Scala u Zonqor Point End View, Block B, Triq Ghar ix-Xemgha M'Scala. Tghid li l-kwerelanti issuspettaw fl-akkuzata peress li kienet tahdem fit-tlett postijiet taghhom jigifieri gewwa darhom u fil-pixxina gestita minnhom.

Dr. Steven Farrugia Sacco xehed nhar is-27 ta' Lulju 2020 u kkonferma li kien gie appuntat mill-Qorti biex johrog stills minn hard disc prezentat fl-atti bhala dok DB1. Huwa ezamina il-hard disc in kwistjoni u rritornhom lil Qorti. Il-fotogrammi huma stampati u annessi mar-rapport tieghu li qed jipprezenta u li qed jigi markat bhala dok SF1[8].

**Joseph Saliba** ghan-nom u in rapprezentanza ta' Jobplus xehed nhar is-27 ta' Lulju 2020 u esebixxa l-employment history ta' Carmela Magro li giet markata

[6] Fol. 126 tal-atti
[7] Dok TM1 a fol. 136 et seq u u Dok TM2 a fol. 142 et seq
[8] Fol. 164 tal-atti

bhala dok JS1 [9]. Mistoqsija fejn kient tahdem f'Settembru 2019 jghid li kienet impjegata bhala cleaner ma specialist group.

**Nigel Zammit** xehed nhar it-8 ta' Ottubru 2020 u jghid li l-pulizija kienu kelmuh dwar incident li kien sehh fuq il-post tax-xoghol tieghu gewwa l-pixxina ta' M'Scala u jghid li dan sehh f'Settembru 2019. Qal li kien hemm impjegata Carmela Magro li kienet qed tisraq il-flus. Dakinhar kienu hu, Carmela Magro u l-employer Maria Cassar. Kienu qed jghamlu ftit tindif ghax kienu ser jghalqu ghax-xitwa. Qal li hu kien xoghol mit-8.00a.m sa 12.00p.m Huwa jghid li ma ra hadd li kien qed jisraq izda sar jaf dwar dan minghand David Bonnici l-imghallem tieghu meta talbu biex jinzel ftit sa l-ghassa.

WPC 293 Michelle Camilleri xehdet nhar it-8 ta' Ottubru 2020 u stqarret li nhar id-29 ta' Ottubru 2019 giet mitluba mill-ispettur Eman Hayman sabiex jaccedu fil-fond Zonqor End View, Triq id Dolmen M'Scala u fil-fond 478 Cascade, Cascade Terrace, M'Scala. Huma accedew f'dawn il-fondi u gew mgharfa mis-sidien tal-postijiet li ma kien hemm l-ebda sgass fil-fondi u la kien hemm xi marki ta' levar. Hija hadet hsieb it-tehid ta' fotografija u gibdet seba' ritratti li gew markati bhala dok 19CC101 sa Dok 19 CC 107. Taf li PC 1331 ghamel xi ezamijiet tal-marki tas-swaba li gew markati bhala dok 19CC 301 sa dok 19 CC 302. Hija ghamlet l-istess fil-fond l-iehor Cascade billi gibdet ir-ritratti u PC 1331 ha xi impronti digitali. Hija pprezentat ir-rapport taghhom li gie markat bhala dok MC1[10].

---

[9] Fol. 238
[10] Fol. 252 tal-process

**Roistan Vella** xehed nhar il-21 ta' Jannar 2021[11] u spjega illi huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur fis-socjeta Global Security Malta u fost dak li taghmel is-socjeta din tinstalla cameras, fire fighting equipment, alarms u intercoms.

Jiftakar li kien cempillu l-owner tar-restaurant la pixxina M'Scala u qallu li kellu bzonn ir-recordings ghax kellu xi dubju u mar fuq il-post. Bdew il-playback u raw xi affarijiet li kienu ta' interess tieghu u minn hemm informaw il-pulizija li gew on site. Fost il-pulizija kien hemm surgent u kuntistabbli li raw l-istess recordings u taw kopja tar-recordings li gibdu dak il-hin. Huwa ghadda ir-recording lil David biex dan jghaddih lill-pulizija. David qallu li kellu pre-okkupazzjoni ghaliex kellu xi flus li ma sabhomx. Jaf li ra persuna tmiss handbag ta' persuna ohra u gew elevati xi flus minn dan l-istess portmoni. Din l-istess persuna mbaghad dehret tavvicina l-vettura taghha li kienet barra fil-carpark u regghet lura fl-istabbiliment. Mistoqsi jara jekk jgharafx lil din l-persuna jghid li iva u li l-akkuzata odjerna. Ikkonferma li din il-mara tidher ir-recording li gibdu. Jghid li hemm parti ukoll fejn tidher bil-flus f'idejha u terga titfa l-portmoni lura fil-handbag. Kienet Maria Bonnici li gharfet il-baskett taghha fil-presenza tieghu meta kienu qed jaraw il-filmat. Il-pendrive ghaddiha lil David wara li gibdu dak li kien ta' interess ghalihom. Jispjega f'aktar dettal u jghid li l-pulizija rat il-videos u telqet 'l hemm.

**L-ispettur Oriana Spiteri** xehdet nhar il-21 ta' Jannar 2021. Hija esebiet is-sentenza li nghatat fil-konfront tal-akkuzata u persuna ohra li giet markata bhala dok OS 13.[12] Tghid li fis-26 ta' Settembru 2019 kienet giet infurmata min PS 583 li kellhom rapport ta' serq minn gewwa La Piscina restaurant M'Scala. Kien spjegalha li kienu marru l-ghassa jirraportaw li impjegata taghhom certu Carmela Magro li gharfet prezenti fl-awla kienet serqet xi flus mill-portmoni ta'

[11] Fol. 267 tal-process
[12] Fol. 279 tal-atti

Maria Cassar. Dan ir-reat allegatament sehh filghodu pero kienu gew jirraportaw ghall-habta tas-6.00p.m

Hija tat struzzjonijiet lis-surgent sabiex imur fejn tirrisjedi Carmela Magro sabiex jarrestawha u ssir tfittxja fil-proprjeta taghha u anke fil-vettura li kienet tghamel uzu minnha ghalkemm din tat rizultat negattiv. Wara s-surgent kien akkompanja lil Carmela Magro l-ghassa biex taghti l-verzjoni taghha. Giet mehuda stqarrija tal-kwerelanti Maria Cassar nhar is-27 ta' Settembru 2019 wara li nghatat it-twissija skond il-ligi u inghatat id-drittijiet taghha skond il-ligi. Kienet ikkonfermat li hija impjegata mal-pixxina M'Scala u barra milli taghmel xoghol ta' tindif hemmhekk taghmel xi facendi fid-dar tas-sidien tal-pixxina u kemm il-darba kienet tkun wahdedha ghandhom.

Meta giet mistoqsija dwar dan l-incident tas-26 ta' Settembru 2019 qalet li tassew kienet harget il-portmoni ta' Maria Cassar minn gol-baskett taghha stess jigifieri ta' Maria Cassar pero imbaghad x'hin indunat kienet dahlet lura bih. Dakinhar Carmela Magro kienet inghatat il-police bail u wara li saret taf b'zewg rapporti ohra minghand l-ispettur Eman Hayman u regghet staqsietha dwar l-incident tal-portmoni qalet li ma kientix hi li haditu. Mistoqsija dwar l-incidenti l-ohra rapportati minn David Bonnici u Maria Cassar dwar serq mid-djar taghhom tghid li ma kienet taf xejn dwarhom. Qalet ukoll li meta tkun ghand David Bonnici kien ikun hemm tfajla ta' erbatax-il sena maghha.

Hija imbaghad tkelmet mat-tifla fil-presenza ta' ommha u din qalet li tassew kienet tkun id-dar meta Magro tkun qed tnaddaf pero ma kienit tkun il-hin kollu maghha.

**Joseph Mallia** xehed nhar il-25 ta' Frar 2021 u kkonferma li kien gie nominat biex jghamel analizi ta' impronti digitali mehuda mix-xena tal-allegat reat ma dawk

ta' Carmela Magro. Huwa pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet markata bhala dok JM1.[13] Illi mix-xhieda tieghu jirrizulta li l-lifters dokumentati huma neqsin mill-punti karetteristici li jwasslu ghal komparazzjoni u identifikazjoni [14].

**PC 1304** xehed nhar it-13 ta' Mejju 2021 u kkonferma li nhar it-28 ta' Settembru 2019 Maria Cassar irraportat l-ghassa tal-pulizija ta' M'Scala li gewwa ir-residenza taghha u cioe fi flat 1, Cascade Triq id Dolmen, M'Scala kienu naqsulha xi affarijiet minn gewwa ir-residenza taghha minn gewwa unit fil-living room taghha , oltre xi fwejjah u loghob tal-play station. Sgass fid-dar ma kienx hemm u l-kwerelanta bdiet tissuspetta fil-cleaner li kellha c-cavetta tal-post li kienet tghaddhiela waqt li tkun xoghol ghax kienet tahdem ma huha fil-pixxina. Jaf ukoll li huha kien ukoll dahhal rapport li kellu xi affarijiet neqsin izda ma kienx involut fih. Mistoqsi jekk kienx kellem lil xi hadd fuq dan ir-rapport jghid li le. Mistoqsi jgharafx xi hadd fl-awla iwiegeb fin-negattiv.

**Maria Dolores Fenech,** Assistent Registratur tal-Qorti xehdet nhar it-13 ta 'Mejju 2021 u kkonfermat is-sentenza eebita fl-atti u markata bhala dok OS 13 u tikkonferma li minn din is-sentenza ma gie intavolat l-ebda appell.

Illi l-appellanti **Carmela Magro** kif kellha kull dritt taghmel ma xehditx f'dawn il-proceduri izda *a tempo vergine* tal-investigazzjoni hija rrilaxxjat zewg stqarrijiet li jinsabu esebiti fl-atti a fol.15 markata bhala dok OS3 u a fol 39 markata bhala dok OS 9.

L-ewwel stqarrija l-appellanti tichad li hadet xi flus mill-portmoni tal-imghallma taghha. Mistoqsija jekk ratx il-filmat mieghu twiegeb fl-affermattiv u tghid li dakinhar hija hadet il-portmoni taghha biex iggib ic-cwievet u hadet l-20 euro

---

[13] Fol. 288 ta l-atti
[14] Fol. 294 ta l-atti Dok JM1

taghha u dan tafu ghaliex kienet l-imghalma li sarfitilha biex tixtri s-sigaretti. Mistoqsija jekk kientix tmur tahsel ghand Maria Cassar u David Bonnici tghid iva. Tispjega li Maria kienet ittiha ic-cavetta tad-dar biex tmur tahsel ghandha waqt li meta kienet tmur ghand David kien ikun hemm it-tifla ta' Maria, Jesiah maghha li ghandha erbatax-il sena . Ghand Maria marret xi hames darbiet waqt li ghand David marret xi tlett darbiet u dan kien dejjem fix-xhur tas-sajf. Qalet li meta kienet tmur tnaddaf ghand David it-tifla kient tkun hdejha izda meta tieqaf tpejjep sigarett kienet tmur tara it-TV. Mistoqsija jekk serqitx xi hwejjeg jew loghob tal-play station minghand id-dar ta' Maria Cassar tghid le. Mistoqsija jekk qatt serqet xi affarijiet bhal fwejjah jew dehbijiet minghand David Cassar tghid le. Taf li minghand David kien ghad fadallha tiehu l-paga.

Fit-tieni stqarrija datata 27 ta' Settembru 2019 li saret wara li l-istess appellanti ikkonsultat mal-avukat ta' fiducja taghha ghal darb ohra ikkonfermat li kienet tahdem fil-pixxina ta' M'Scala tnaddaf il-platti u tahsel l-art u dan minn Mejju 2019 sa dakinhar li tat l-istqarrija taghha. Qalet li din hija immexxija minn David Bonnici u ohtu Maria Cassar. Qalet ukoll a differenza tal-ewwel stqarrija li dakinhar kient hadet il-portmoni ta' Maria Cassar bi zball u meta ndunat reggghet irritornat u poggiet il-portmoni lura f'postu. Ikkonfermat li l-portmoni taghha mhux bhal dak tal kwerelanti. Tghid pero li fl-ebda hin ma hadet il-flus taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale**[15] :

---

[15] Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-proċediment kriminali li, biex l-imputata tiġi dikjarata hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jiġu pruvati oltre kull dubju raġjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tiġi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raġuni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem iehor, dak li l-Ġudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** [16]- tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote*

[16] 1974 - 2 ALL ER 372

> *possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta Gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioé jistghu jigru zewg affarijiet u cioé jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet "... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen

jew ma temminx" (ara wkoll **<u>Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino</u>** 19 t' Ottubru 2006)."

(Ara wkoll **<u>Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et</u>** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **<u>Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech</u>** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **<u>Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali</u>** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **<u>Il-Pulizija vs. Mario Pace</u>** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **<u>Il-Pulizija vs. Hubert Gatt</u>** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. John Pace</u>** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-Rigward ta' Provi Cirkostanzjali**

Illi din il-kawza hija bbazzata fuq provi cirkostanzjali almenu fir-rigward tas-serq mid-djar ta' Maria Cassar u dik ta' David Bonnici . Riferenza ghandha ssir ghall-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et</u>** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn inghad is-segwenti:

> *"Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha*

*u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.*

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Joseph Lee Borg</u>**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi.

Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzata mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzata biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-prezunzjoni tal-innocenza taghha. Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kienet l-imputata biss li ghamlet dak li giet akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilha. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza flismijiet **<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil:</u>**

> "Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta
> hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu

ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci. Archbold fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** [17] b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R**[18]jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha (9) ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun.**

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' kif sehhew il-fatti. Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm inghad sa minn dan

[17] 1997 Edition Para 10-3
[18] 1952

l-istadju bikri tas-sentenza jidher li l-imputata li giet investigata *a tempo vegine* tal-investigazzjoni qalet li ma kienitx hi li kkommettiet is-serqiet.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda u dan billi bhala Gudikant il-Qorti ghandha tqies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. […]

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq meta taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputata.

Illi, kif nghad aktar il-fuq, filwaqt li l-Prosekuzzjoni tishaq li hija rnexxielha tipprovi l-kaz taghha li l-imputata hija hatja tal-imputazzjonijiet addebitati fil-

konfront taghhom skond kif tirrikjedi l-ligi, id-difiza tissottometti li dan m'huwiex il-kaz.

Ikkunsidrat:

L-appellanti nstabet hatja tar-reati ta' serq aggravat minn tlett fondi u cioe mill-portmoni li kien fil-pixxina ta' M'Scala, mid-dar residenzjali ta' Maria Cassar kif ukoll mid-dar residenzjali ta' David Bonnici u dan fis-26 ta' Settembru 20219 u fix-xhur ta' qabel.

Fir-rigward ta' l-ewwel akkuza u cioe li hija serqet elfejn euro mill-portmoni ta' Maria Cassar nhar is-26 ta' Settembru 2019 jinghad li l-appellanti tichad dan il-fatt fl-istqarrijiet taghha pero minn ezami tas-CCTV footage esebit fl-atti u mill-istills mehuda minn dan l-istess footage jirrizulta bic-car li l-appellanti fil-fatt kienet hadet il-flus minn gewwa l-portmoni ta' Maria Cassar u marret u poggiethom fil-karozza taghha. Il-verzjoni moghtija minnha li fil-fatt kienet hadet biss is-somma ta' ghoxrin euro ( €20) hija invero simili fil-kwadru tal-provi kif prodotti. Illi ghalhekk fir-rigward l-ewwel akkuza din il-Qorti tara li ma hemm l-ebda dubbju ragonevoli li jiggustifika li fil-fatt kienet l-appellanti li serqet il-flus moghtija lil Maria Cassar minghand huha David Bonnici dak in-nhar tas-26 ta' Settembru 2019. Fil-fatt jista jinghad kwazi kwazi li l-appellanti inqabdet *in flagrante* ghalkemm mhux fizikament izda tramite l-filmat li gie esebit u konfermat. Mir-rapport maghmul minn Dr. Stephen Farrugia Sacco[19] tidher persuna femminili taqbad u tqalleb gewwa baskett (vide is-stills a fol. 215 -217). Minn dawn is-stills jirrizulta li l-persuna hija wahda u f'temp ta' ftit sekondi iddahhal idejha fil-baskett, tqalleb fih u terga titlaq go kamra ohra. Ghalhekk dan il-fatt flimkien mal-fatt li fl-istqarrija taghha tghid li misset il-baskett jaghti

[19] Fol. 2164-228 dok SFS tal-process

fiducja lil Qorti li kienet l-appellanti u l-appellanti biss li serqet dawn il-flejjes. Il-filmat esebit kien wiehed car u ma ihalli l-ebda dubbju f'mohh il-gudikant li kienet l-appellanti u hadd iktar li fil-fatt seraq dawk il-flejjes.

Fir-rigward iz-zewg akkuzi l-ohra l-proskeuzzjoni qed tallega li hija l-appellanti li serqet l-ammont ta' flus li kien hemm mohbi fis-sufan ta' David Bonnici flimkien ma oggetti ohra mid-dar tieghu u mid-dar ta' ohtu Maria Cassar u dan fuq medda ta' jiem fis-sajf tas-sena 2019. Ma hemmx dubbju ghaliex dan jirrizulta kemm mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe Maria Cassar, Jesiah Casar, David Bonnici u addirittura mill-istatements rilaxxjati mill-appellanti stess li l-appellanti kienet fdata minn Maria Cassar u David Bonnici tant li kienu ituha c-cwievet tad-djar taghom sabiex tnadfilhom darhom. Illi jirrizulta ukoll li meta kienet tmur tnaddaf ghand David Bonnici kien ikun hemm il-minuri Jesiah fl-istess dar izda mhux mal-appellanti tnaddaf u ghalhekk anke hawn l-appellanti kienet tkun wahedha. Illi ma irrizultax li kien hemm xi sgass f'dawn iz-zewgt idjar u lanqas xi hsara volontarja biex setgha sar xi dhul. Illi l-fondi thallew fl-istat li kienu u ghalhekk bilfors li min seraq kellu access legittmu ghall-fondi. Mill-provi prodotti jirrizulta li kienet Maria Cassar li kellha dan l-access u dan mhux imcahhad minnha. Illi di piu kif stqarret Jesiah u mhux kontradett minn l-appellanti, l-appellanti kienet tmur f'dawn iz-zewgt id-djar bi baskett kbir bid-detergents u ghalhekk kien facli ghaliha li tahbi l-affarijiet misruqa minnha f'dan l-istess baskett u b'hekk ma kienitx ser taghti fl-ghajn u l-minuri Jesiah zgur li ma kienitx ser tinnota xejn ghax ghaliha l-baskett kien ikollu d-detergents ghat-tindif. Il-Qorti hija konvinta li kienet l-appellanti li fil-fatt serqet minn dawn iz-zewgt id-djar. Ma hemmx dubbju li s-esrqa hija aggravata bil-lok, bil-valur u bil-persuna.

Ghalhekk l-ewwel Qorti kellha ragun issib lill-appellanti hatja ta' dawn it-tlett akkuzi ta' serq aggravat.

L-appellanti hija ukoll akkuzata li hi recidiva. Din il-Qorti rat is-sentenza esebita fl-atti mill-ispettur Oriana Spiteri markata bhala dok OS 13 a fol. 279 u f'din is-sentenza hemm l-istess partikolarijiet ossia konnotati tal-appellanti odjerna. F'din is-sentenza l-appellanti kienet instabet hatja fuq ammissjoni taghha stess tar-reati ta' serq izda il-Qorti poggietha taht Ordni ta' Probation u dan ghall-peridjou ta' sentejn. Jirrizulta mix-xhieda ta' Maria Dolores Fenech li ma gie intavolat l-ebda appell minn din is-sentenza. Issa skond is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizija vs Stephen Zahra** [20]u **Il-Pulizija vs Christopher Agius**[21] persuna li tinghata piena skond il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax titqies li hija recidiva u ghalhekk l-appellanti ma tistax titqies li hija recidiva kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti.

Il-Qorti rat li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi meta giet biex tapplika l-piena u cioe l-fedina penali tal-appellanti li ma hix netta[22] fejn hemm registrat reati ta' serq simili ghal dawn odjerni, l-fatt li l-appellanti ikkoperat mal-prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kif mistqarr mill-ufficcjal prosekutur in atti, il-fatt li l-res furtiva baqghet ma gietx ritornata lid-derubati, u l-fatt li s-serq gie kommess f'post fejn hija kellha l-fiducja mis-sid. Ghalhekk din il-Qorit hija tal-fehma li m ghandhiex tiddisturba l-piena moghtija mill-ewwel Qorti u cioe l-piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghal zmien erba' snin millum u tikkonfermaha fejn ma sabithiex hatja tal-akkuza ta' recidiva.

---

[20] Deciza 17 ta' Settembru 2004
[21] Deciza 17 ta' Settembru 2004
21
[22] Fol 7 – 13 tal-atti

Din il-Qorti ukoll ai termini tal-artikolu 28 (4) tal-Kodici Kriminali spjegat l-importanza ta' din is-sentenza fi kliem car u cioe ir-responsabilita taghha taht l-artikolu 28 A tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti qed tikkonferma ukoll l-ordni moghtija mill-ewwel Qorti sabiex l-appellanti tirrestitwixxi lid-derubati kull haga misruqa minnha immedjatament u fin-nuqqas li taghmel dan ghandha thallas lil David u Patricia konjugi Bonnici is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf euro ( €21,000) u s-somma ta' elfejn u tlett mitt euro ( €2300) lil Maria Cassar.

Qeghda ukoll tordna lill-appellanti thallas lid-Direttur tal-Qorti Kriminali s-somma ta' €1,127.05 rapprezentanti l-ispejjez relatati mal-esperti konnessi ma din il-kawza u dan fi zmien tlett xhur millum.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur